**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA' DIĊEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 4K**

**Rik. Kost. 275/2022 RGM**

**Margaret armla minn Emanuel Grech**
**Joan armla minn Joseph Fleri Soler**
**Avukat Dottor Vittorio Emanuele sive Victor Ragonesi**
**Maria Tania sive Tania Ragonesi**
**Roberto Ragonesi**
**Andrea Ragonesi**
**Carlo Ragonesi**
**Anita Ragonesi**
**Nutar Dottor Hugh Grima**
**Avukat Dottor Kenneth Grima**
**Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima**
**Avukat Dottor Christian Grima**
**P.L. Rowena Grima**
**Dentista Mary Anne Farrugia**
**Spiżjar Joseph sive JoJo Grima**
**Noel Caruana Scicluna**
**Anna Scerri**
**Adrian Caruana Scicluna**

**Ina Grech**
**Edna Curmi**
**Anna Caruana Scicluna**
**Avukat Dottor Mark Caruana Scicluna**
**Avukat Dottor Andrew Caruana Scicluna**

**vs.**

**Avukat tal-Istat**
**Louis Pulis u Antonia Pulis**

**Il-Qorti**

1. Rat ir-rikors promotur tar-rikorrenti ppreżentat fis-27 ta' Mejju 2022 fejn fissru li huma propjetarji tal-fond 38, Flat 5, Old Mint Street, Valletta liema fond kien ġie akkwistat minn Giuseppe u Anna Ragonesi b'kuntratt tal-14 ta' Ġunju 1950 fl-atti tan-Nutar Alberto Sigimondo D'Andria. Filwaqt li Giuseppi Ragonesi miet fil-5 ta' Novembru 1976, Anna Ragonesi mietet fis-26 ta' Jannar 1987. Il-wirt tagħhom ddevolva f'ishma indaqs fuq is-sitt uliedhom, ċioe l-Avukat Dr Vittorio Emanuele Ragonesi, Joan Fleri Soler, Margaret Grech u l-mejta Maria Grima, Renato sive Rene Ragonesi u Ina Caruana Scicluna u dan permezz ta' żewġ testmenti tad-19 ta' Settembru 1968 fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona u tat-13 ta' Lulju 1978 fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona. Anna Ragonesi kienet kriet il-fond fil-15 ta' Jannar 1982 għal tlett snin *di fermo* lill-intimati Pulis li skadew fil-31 ta' Diċembru 1984, stante li l-kirja bdiet tiddekori mill-1 ta' Jannar 1982. Il-wirt ta Maria Ragonesi li mietet fil-21 ta' Ġunju 2014 u li kellha sesta parti indiviża mill-istess wirt, ddevolva b'testment tat-19 ta' Novembru 1983 fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit fuq is-sitt ulied tan-Nutar Dr Hugh Grima, Avukat Dr Kenneth Grima, Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, Avukat Dr Christian Grima, PL Rowena Grima, Marianne Farrugia u Joseph sive JoJo Grima liema wirt ġie denunzjat b'dikjarazzjoni *causa mortis* tat-18 ta' Ġunju 2015 fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg. Ina Caruana Scicluna mietet fit-22 ta' Novembru 2004 u l-wirt tagħha li kellha wkoll sesta parti indiviża mill-wirt tal-konjuġi Ragonesi ddevolva permezz ta' testment tat-28 ta' Novembru 2001 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard fuq uliedha bħala l-eredi universali u ċioe l-mejjet Avukat Dr Joseph Caruana Scicluna, Noel Caruana Scicluna, Anna Scerri, Adrian Caruana Scicluna, Ina Grech u Edna Curmi liema wirt ġie denunzjat b'dikjarazzjoni *causa mortis* fl-10 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard. L-Avukat Joseph Caruana Scicluna li kellu 1/36 minn din il-proprjetà u li miet fit-23

ta' Marzu 2013, intiret b'testment tat-3 ta' Frar 1992 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel fuq martu Anna Caruana Scicluna bħala użufruttwarja ta' ġidu u n-nudi propjetarji uliedu l-Avukati Mark u Andrew Caruana Scicluna liema wirt ġie denunzjat b'*causa mortis* fis-26 ta' Frar 2014 fl-atti tan-Nutar Jonathan Zammit u dikjarazzjoni addizzjonali tat-22 ta' Marzu 2014 fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo. Rene Ragonesi li kellu sesta parti indiviża minn din il-proprjetà miet fit-22 ta' Jannar 1999 u l-wirt tiegħu ddevolva b'testment tas-17 t'Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard fuq martu Maria Tania Ragonesi bħala użufruttwarja u l-erba' uliedu Roberto Carlo, Andrea u Anita bħala n-nudi propjetarji, u l-wirt tiegħu ġie dikjarat b'*causa mortis* tal-20 ta' Jannar 2000 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard. Ir-rikorrenti fissru li l-fond mhux dekontrollat. Fissru wkoll li din il-proprjetà kienet qiegħda tinkera għal Lm186 fis-sena llum b'kera ta' €290. Il-konjuġi Pulis baqgħu jżommu l-fond b'kirja protetta taħt il-Kapitolu 69 bl-operat tal-Att X tal-2009 u l-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16. Ippremettew li din il-kirja baqgħet tiġi imġedda skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 u dan bi preġudizzju għad-drittijiet tal-propjetarju stante li l-kirja mħallsa fis-sena, kif ristretta bil-liġi, ma kinitx tirrifletti l-valur reali tal-proprjetà fis-suq. Ippremettew li dan wassal għal leżjoni tad-drittijiet tagħhom, għaldaqstant talbu lil din il-Qorti sabiex

1. "Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 u l-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qeghdin jaghtu dritt ta'rilokazzjoni indefinita lill-intimati Louis Pulis (K.I. 0562648M) u Antonia Pulis (K.I. 0884649M) ghall-fond 38, Flat 5, Old Mint Street, Valletta, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ghandha tinghata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Ligijiet ta' Malta talli ma nzammx bilanc u proporzjoni bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi.

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferit mir-rikorrenti wkoll ai termini tal-Ligi.

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni illikwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-28 ta' Ġunju 2022 fejn ġie eċċepiet in linea preliminari li r-rikorrenti kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom rimedju ordinarju li naqsu milli jużufruwixxu u allura din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 u l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni. In linea preliminari wkoll ġie eċċepiet li r-rikorrenti għandhom jindikaw b'mod ċar liema huma d-dispożizzjonijiet tal-liġi li qegħdin jiġu attakkati. Fil-mertu eċċepixxa li l-Kapitolu 69 ma jagħti ebda dritt ta' rilokazzjoni indefinita u għalhekk l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda. Fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja eċċepixxa li l-*proviso* tal-istess artikolu jagħti setgħa lill-istat jgħaddi dawk il-liġijiet xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skond l-interessi ġenerali. Ġie eċċepiet ukoll li r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw dwar il-perjodu qabel akkwista titolu fuq il-proprjetà in kwistjoni. Fir-rigward tar-rimanenti talbiet ġie eċċepiet li huwa m'għandu jħallas ebda kumpens u ebda danni lir-rikorrenti. Ġie eċċepiet li *in ogni caso* dikjarazzjoni tal-ksur effettiv tad-drittijiet għandu jirriżulta biżżejjed.

3. Rat ir-risposta tal-intimati Pulis ippreżentata fit-8 ta' Lulju 2022 fejn eċċipew li t-talbiet diretti kontrihom għandhom jiġu miċħuda stante li huma qegħdin igawdu l-fond in kwistjoni b'titolu validu ta' kera u b'kirja kif stabbilita taħt il-liġijiet tal-kera u għalhekk mhux qed jippreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrenti, apparti li hemm mekkaniżmu ta' awment fil-kera taħt l-Artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili. Ġie eċċepiet ukoll li bis-saħħa tal-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 introdott bl-Att XXIV tal-2021, ir-rikorrenti għandhom dritt jadixxu l-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awmentat il-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ. Ġie eċċepiet ukoll li huma m'għandhomx jiġu żgumbrati mill-fond de quo u lanqas m'għandhom jiġu preġudikati finanzjarjament billi huma ma kissru ebda liġi.

4. Rat li fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2022 il-Qorti nominat lil Perit Michael Lanfranco sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond mertu tal-kawża għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1985 sas-27 ta' Mejju 2022 u dan b'intervalli ta' ħames snin.

5. Rat ir-rapport tal-Perit Michael Lanfranco ppreżentat fil-31 t'Awwissu 2022 u maħluf fl-14 ta' Settembru 2022.[1]

6. Rat in-nota bid-domandi in eskussjoni imressqa mill-Avukat tal-Istat ippreżentata fil-15 t'Ottubru 2022 kif ukoll in-nota bir-risposti tal-Perit Michael Lanfranco għall-istess mistoqsijiet ippreżentata fil-31 t'Ottubru 2022.

7. Rat l-atti tal-kawża.

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fl-24 ta' Marzu 2023[2], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Pulis ippreżentata fis-27 ta' Marzu 2023[3] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fis-26 ta' Ġunju 2023[4].

9. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

10. Mill-kuntratt tat-13 ta' Jannar 1982, jirriżulta li Anna Ragonesi kriet lil intimat Louis Pulis il-fond 38, Flat 5, Old Mint Street Valletta għal perjodu ta' tliet snin di fermo u tliet snin di rispetto dekorribbli mill-1 ta' Jannar 1982, b'kirja ta' Lm168 fis-sena.[5]

Ikkunsidrat

**Nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji**

11. L-Avukat tal-Istat beda billi eċċepixxa n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji ai termini tal-liġi li kienu disponibbli għar-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni jew biex ikollhom awment fil-kera u għalhekk din l-azzjoni hija intempestiva.

12. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u fuq l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319. Dan l-aħħar artikolu jipprovdi hekk:

---

[1] Fol 227 et seq tal-proċess.
[2] Fol 343 et seq tal-proċess
[3] Fol 351 et seq tal-proċess.
[4] Fol 365 et seq tal-proċess.
[5] U mhux Lm186 fis-sena kif hemm indikat fir-rikors promotur.

"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."

13. Kif ġie ikkunsidrat fid-deċiżjoni **Tonio Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April 1991, jidher ċar li l-leġislatur ma riedx li jistabbilixxi bħala prinċipju assolut fil-liġi Kostituzzjonali tagħna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, għandha dejjem u tassattivament teżegwixxi r-rimedji kollha disponibbli taħt il-liġi ordinarja, inklużi dawk ir-rimedji li ma jkunux raġonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa ħafna dwar l-eżerċizzju *o meno* tal-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha. Ovvjament, tali diskrezzjoni għandha tintuża ġustament u raġonevolment.

14. Tajjeb jiġi puntwalizzat ukoll illi jaqa' fuq il-parti li teċċepixxi n-nuqqas ta' eżawriment mir-rikorrenti tar-rimedji ordinarji allegatament disponibbli l-oneru li turi fl-ewwel lok għal-liema rimedji ordinarji qed tirreferi u fit-tieni lok li tali rimedji ordinarji verament jindirizzaw l-ilmenti tar-rikorrenti.

15. L-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet jagħmel referenza għall-Artikolu 3 tal-Kapitolu 69 kif kien qabel l-emendi tas-sena 2021 li kien jagħti l-fakultà li ssir talba quddiem 'l Bord li Jirregola l-Kera biex tgħola l-kera jew jiġu imposti kundizzjonijiet ġodda kif ukoll il-possibilità ta' żgumbrament jekk l-inkwilini ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet ġodda jew għoli fil-kirja u dan ai terminu tal-Artikolu 6 tal-istess kapitolu.

16. Ingħad diversi drabi minn din il-Qorti, anke kif sedenti, li l-għan ewlieni ta' proċedimenti ta' natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa li l-persuna illi tkun qiegħda iġġarrab jew tkun ġarrbet ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha tingħata rimedju tajjeb, effettiv u mingħajr dewmien. Għalkemm huwa minnu li r-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali huwa wieħed straordinarju u meqjus bħala "*a measure of last resort*", huwa wkoll stabbilit illi ċittadin li jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu m'għandux ikun obbligat ifittex rimedju ordinarju, jekk ir-rimedju ordinarju li jista' jingħata ma jkunx effettiv sabiex jindirizza l-ilment tiegħu.

17. Kien jinkombi fuq l-Avukat tal-Istat li juri sodisfaċentement li r-rimedji minnu imsemmija setgħu jindirizzaw l-ilment imressaq mir-rikorrenti fil-kawża odjerna.

18. L-istħarriġ tal-allegat ksur lamentat mir-rikorrenti li trid tagħmel din il-Qorti jmur ben oltre dak li seta` jkun trattat u deċiż mill-qrati ordinarji. Hija biss Qorti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali li għandha s-setgħa li tqis kawżi fejn qiegħda tkun attakkata liġi minħabba allegat ksur tal-jeddijiet konvenzjonali tar-rikorrenti.

19. Il-Qorti, wara li qieset li ma tressqet l-ebda raġuni tajba li tista' twassalha li tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha li ma tismax il-kawża fil-mertu fit-termini tal-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319, tiddikjara tali eċċezzjoni bħala totalment infondata u tgħaddi sabiex tiċħad din l-eċċezzjoni mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat;

**Mertu**

20. Ir-rikorrenti ippremettew li fiż-żmien rilevanti kienu marbuta li jkomplu jġeddu l-kirja bis-saħħa tal-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 69** li jipprovdi illi:

> "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

21. Fiż-żmien rilevanti, skont Kapitolu 69, il-Bord seta' jagħti permess ta' ripreża f'każijiet speċifiċi u limitati biss. Il-kera li setgħet tiġi stabbilita kienet marbuta skont il-*fair rent* a tenur tal-**Artikolu 4 (2)** tal-Kapitolu 69, u dan huwa t-tieni artikolu li fuqu r-rikorrenti jsejsu l-ilment tagħhom. Qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 promulgati bl-**Att XXIV tal-2021**, dan l-artikolu kien jipprovdi li:

> "jekk il-kera ġdid ma jkunx iżjed minn 40% mill-kera ġust (stabbilit, meta meħtieġ, bi stima) li bih il-fond kien mikri jew seta` jinkera f`kull żmien qabel l-4 ta` Awissu tal-1914: il-Bord jista` jistabbilixxi dan il-kera ġust."

22. Ir-rikorrenti jinsistu li bil-provvedimenti tal-Kaptiolu 69 huma ma setgħux jawmentaw il-kera għar-rata li tirrifletti dak li l-fond kien iġib fis-suq liberu u lanqas setgħu jieħdu l-fond

lura fi żmien raġonevoli bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom sanċit taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Imiss għalhekk li l-Qorti tqis dan l-artikolu.

Ikkunsidrat;

**Allegat leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

23. Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni"

24. L-interpretazzjoni prevalenti għal din id-dispożizzjoni li llum tagħmel parti mil-liġi Maltija hi illi qiegħda tipproteġi lill-persuna fit-tgawdija ħielsa ta' ħwejjiġha li jinkludu l-possedimenti tagħha.

25. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

26. Sabiex l-aġir tal-Istat bħalma hu l-promulgazzjoni ta' liġi li tagħti protezzjoni lill-inkwilin, ma jikwalifikax bħala leżiv tal-jedd konvenzjonali tal-individwu jeħtieġ li jkun inżamm bilanċ bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat.

27. Huwa meqjus illi liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid ta' individwu għal għanijiet fl-interess ġenerali huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika. Però tali setgħa

ma hiex bla limitazzjoni jew bla xkiel. Ir-regola ġenerali tibqa’ li l-individwu għandu l-jedd fundamentali li jgawdi l-ġid tiegħu mingħajr xkiel u għalhekk meta l-Istat jirfes fuq dak id-dritt jeħtieġ li juri illi tali ndħil seħħ f’qafas legali fejn id-drittijiet tal-individwu ġew rispettati. Dan l-obbligu fuq l-Istat jisssussisti sew meta l-liġi tippermetti lill-Istat li jieħu bil-forza l-ġid ta’ individwu f’idejh, sew meta l-liġi tkun maħsuba sabiex tirregola l-użu ta’ dak il-ġid.

28. Għalkemm taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni s-setgħa tal-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid hija wiesgħa, huwa dejjem meħtieġ mhux biss li jintwera l-interess ġenerali iżda wkoll li jinżamm bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak tal-individwu milqut bl-aġir tal-Istat. Hawn jidħol l-element tal-proporzjonalità fejn l-indħil għandu jiġi kontro bilanċjat minn kumpens xieraq. Jekk l-Istat jieħu bil-forza proprjetà għandu jħallas kumpens ġust tal-valur tagħha. Jekk l-Istat ma jieħux proprjetà bil-forza iżda jieħu minn idejn is-sid l-użu ta’ dik il-proprjetà, għandu jkun hemm mekkaniżmu legali kif is-sid jiġi kumpensat minħabba tali restrizzjoni fit-tgawdija tal-possediment tiegħu. Jekk m’hemmx tali mekkaniżmu ifisser li l-Istat huwa responsabbli ta’ leżjoni tad-dritt tas-sid kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

29. Kapitolu 69 kien jagħmilha prattikament impossibbli li s-sid jieħu lura l-fond mikri jekk mhux għal raġunijiet eċċezzjonali, filwaqt li l-kera baqgħet staġnata. Bl-Att X tal-2009 il-Leġislatur introduċa emendi għall-Kapitolu 16 suppost bl-iskop li jiġi indirizzat l-iżbilanċ li kien hemm kontra s-sidien f’dawn iċ-ċirkostanzi. Dak l-Att introduċa **Artikolu 1531Ċ għall-Kap 16** li kien jaqra kif ġej:

> “(1) Għall-kera ta’ dar ta’ abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta’ Ġunju, 1995 għandha tibqa’ tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta’ Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta’ ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta’ Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta’ Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla’ għal dan l-ammont:
>
> Iżda fejn ir-rata ta’ kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa’ bir-rata ogħla hekk stabbilita.
>
> (2) F’kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b’mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta’ Jannar 2013.”

30. Ir-rikorrenti ippremettew fir-rikors promotur li l-kirja li huma qegħdin jirċievu fis-sena hija manifestament baxxa wisq meta komparata mal-potenzjal li l-fond seta' jiġġenera fiż-żmien rilevanti.

31. Il-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza **Patricia Curmi et vs. Miriam Pace et** (Rik Kost 68/2019 - 6 ta' Ottubru 2020) irriteniet illi l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 b'mod partikolari bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1531Ċ fil-Kodiċi Ċivili ġabu awment fil-kera li ma jistax jiġi kkunsidrat illi indirizza l-iżbilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-interessi tal-inkwilin u s-soċjetà in ġenerali.

32. Ingħad fl-imsemmija deċiżjoni li "*Il-kera irriżorja li għaliha huma intitolati s-sidien tilledi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni".* Intqal ukoll f'sentenza aktar riċenti li "*illum hu stabbilit li l-awment tal-kera li jipprovdi l-Att X tal-2009 hu inadegwat u ma wassalx sabiex sidien il-kera jirċievu kera diċenti.*"[6]

33. Għalhekk il-Qorti tqis li l-emendi bl-Att X tas-sena 2009 għall-Kapitolu 16 ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw l-element ta' proporzjonalità ladarba l-awment kien qiegħed jiġi kkalkolat fuq kera li hija ħafna inqas minn dik tas-suq, minħabba r-restrizzjoni kif kienu kontemplati fl-Artikolu 4 (b) tal-Kapitolu 69 qabel l-emendi bl-Att XXIV tal-2021.

34. Rigward **Artikolu 4A tal-Kapitolu 69** introdott bl-Att XXIV tal-2021, dan l-artikolu jagħti l-possibilità lil kull persuna li qiegħda fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrenti, li titlob lill-Bord li Jirregola l-Kera jiffissa l-kera f'ammont li jkun sa tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, bil-possibilità wkoll li l-Bord jaċċetta d-dħul ta' kundizzjonijiet ġodda li jirregolaw dan il-ftehim ta' kirja kif ukoll li jiġi revedut kull sitt (6) snin. Il-Bord jagħmel test tal-mezzi sabiex jara jekk l-inkwilin jissodisfax il-kriterji sabiex ikompli fil-kirja.

35. Din il-Qorti tqis li Artikolu 4A jipprovdi rimedju lil sid il-kera. Il-Qrati ilhom jiddikjaraw li Kapitolu 69 qabel l-emendi tal-2021 kien leżiv tal-jedd konvenzjonali ta' sid il-kera. B'dan il-provvediment legali ġiet stabbilita proċedura għas-sid sabiex jitlob l-awment jew l-iżgumbrament tal-inkwilin a bażi ta' kriterji magħrufa mill-partijiet kollha.

36. Jirriżulta illi r-rikorrenti ipprevalixxew ruħhom minn dan ir-rimedju meta fis-27 ta' Mejju 2022 resqu rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Margaret Grech et vs. Louis Pulis et u b'sentenza tal-14 ta' Lulju 2023, il-Bord awmenta l-kera għal €8,500 fis-sena.

---

[6] **Carmel sive Charles Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** (Rik Kost 161/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021.

37. Għaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta li l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2021, qegħdin jilħqu bilanċ proporzjonat bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini iżda dawn ir-rimedji mogħtija b'dan l-artikolu saru disponibbli għas-sidien mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem u għalkemm jista' jingħad li minn Ġunju tal-2021 ma jistax jitqies li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, mhux l-istess jista' jingħad għaż-żmien anteċedenti d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

38. Skond ir-relazzjoni teknika tal-Perit Tekniku Michael Lanfranco ippreżentata fil-31 ta' Awwissu 2022 il-valur lokatizzju tal-fond fis-sena 2021 kien ta' €15,981.

39. **Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti hi tal-fehma illi Kapitolu 69 kif ukoll l-emendi bl-Att X tal-2009 għall-Kapitolu 16 ħolqu indħil sproporzjonat fuq id-drittijet tar-rikorrenti peress illi hemm differenza kbira bejn il-kera perċepita jew perċepibbli skond il-liġi fiż-żmien rilevanti u l-potenzjal tal-kera li l-fond seta' jiġġenera lir-rikorrenti, bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Ikkunsidrat;

**Il-Perijodu tal-Leżjoni Relevanti għal-Likwidazzjoni tad-Danni.**

40. In vista tal-fatt li r-rikorrenti sofrew piż sproporzjonat meta ġew imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kawża tal-applikazzjoni tal-provedimenti tal-Kapitolu 69 kif applikabbli fiż-żmien rilevanti mingħajr kumpens ġust, huma għandhom jingħataw rimedju xieraq konsistenti f'kumpens għad-danni sew pekunjarji kif ukoll għal danni non-pekunjarji.

41. Dwar il-perijodu li għandu jittieħed kont għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji, ssir referenza għas-sentenza **Carmel Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn ġie ritenut illi:

> "17. Il-fatt li l-proprjeta` għaddiet għand l-aħwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom fit-22 ta' Ottubru 2008 ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar biss. Huma werrieta ta' missierhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid. Min-naħa l-oħra ommhom Margaret Sammut hi attriċi u tgawdi l-użufrutt ta' ġidu bit-testment li għamel fis-16 ta' Settembru 1976 fl-atti tan-nutar Anthony Gatt."

42. Aktar riċenti, fil-każ fl-ismijiet **Erica Gollcher et vs. L-Avukat tal-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar 2022, reġa' ġie mtenni illi:

> "26. Fir-rigward tal-argument illi d-danni akkordati huma eċċessivi, il-Qorti tibda billi tosserva illi ma taqbilx mal-ewwel Qorti li ż-żmien relevanti beda jiddekorri mill-2001, u ċioe` minn meta l-fond in kwistjoni sar proprjetà` tal-atturi. Jirriżulta li l-atturi akkwistaw dan il-fond bħala l-eredi ta' ommhom, u għalhekk iż-żmien relevanti m'għandux jiġi ristrett għad-data meta l-atturi saru l-proprjetàrji, ġaladarba bħala eredi ta' ommhom, huma daħlu fiż-żarbun tagħha. Dan ifisser għalhekk li lewwel Qorti ma akkordatx kumpens għal numru ta' snin li għalihom l-atturi kienu ntitolati għal kumpens."[7]

43. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat għamel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Karin Spiteri Maempel et vs. Avukat tal-Istat et mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 t'April 2022 liema sentenza kienet ikkonkludit li d-drittijiet fundamentali ma jiġux trasmessi permezz tas-suċċessjoni *causa mortis*. L-Avukat tal-Istat però naqas milli jinnota li din is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali kkonkludit hekk "il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huwa legalment possibbli għall-atturi, qua eredi universali tal-konjuġi Harding, illi jressqu ilment ibbażat fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea li jinkludi wkoll dak il-perjodu ta' żmien fejn is-sidien tal-proprjeta` kienu l-ġenituri tagħhom."

44. Fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata li din il-Qorti taqbel magħha, tiddikjara illi għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji ser tieħu in konsiderazzjoni l-perijodu li jibda mill-1 ta' Jannar 1988, id-data li fiha ġie fi tmiemu l-perijodu tal-kirja oriġinali, sat-30 ta' Mejju 2021, lejliet id-dħul fis-seħħ ta' Artikolu 4A tal-Kap. 69.

45. Dwar il-kalkolu tal-quantum tad-danni pekunjarji, kif inżamm mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Professur Ian Refalo nomine vs. Nicholas Ciantar et** mogħtija fl-4 ta' Mejju 2022:

> "Il-Qorti tirrileva li llum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-

[7] Ara wkoll **Nutar Pierre Cassar vs. Avukat tal-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju 2022.

inċertezza illi l-attur kien jirnexxilu jżomm il-proprjetà` mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-attur, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi."

46. Għaldaqstant skont il-linji gwida tal-QEDB sabiex jiġi ffissat kumpens pekunarju ġust għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tas-sid, l-istima tal-kera tal-fond fis-suq miftuħ għandha titnaqqas:

a. Bi tletin fil-mija (30%) għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali;
b. B'għoxrin fil-mija (20%) ġaladarba ma teżisti l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu rilevanti kollu, u
c. bil-valur tal-kera mħallsa mill-inkwilin jew fin-nuqqas bil-kera perċepibbli skond il-liġi.

47. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tieħu kont tal-valur lokatizju ta' matul is-snin kif irrelatat l-Perit Tekniku sabiex tiddetermina l-kumpens pekunjarji xieraq dovut lir-rikorrenti skont il-linji gwida tal-QEDB adottati mill-Qorti Kostituzzjonali:

| **Sena** | **Stima tal-Perit annwali (€)** | **Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€)** |
|---|---|---|
| 1988 | 1,461 | 391.33 |
| 1989 | 1,461 | 391.33 |
| 1990 | 2,254 | 391.33 |
| 1991 | 2,254 | 391.33 |
| 1992 | 2,254 | 391.33 |
| 1993 | 2,254 | 391.33 |
| 1994 | 2,254 | 391.33 |
| 1995 | 3,842 | 391.33 |
| 1996 | 3,842 | 391.33 |
| 1997 | 3,842 | 391.33 |
| 1998 | 3,842 | 391.33 |
| 1999 | 3,842 | 391.33 |
| 2000 | 5,186 | 391.33 |
| 2001 | 5,186 | 391.33 |
| 2002 | 5,186 | 391.33 |

| | | |
|---|---|---|
| 2003 | 5,186 | 391.33 |
| 2004 | 5,186 | 391.33 |
| 2005 | 9,007 | 391.33 |
| 2006 | 9,007 | 391.33 |
| 2007 | 9,007 | 391.33 |
| 2008 | 9,007 | 392.00 |
| 2009 | 9,007 | 392.00 |
| 2010 | 8,636 | 392.00 |
| 2011 | 8,636 | 392.00 |
| 2012 | 8,636 | 392.00 |
| 2013 | 8,636 | 392.00 |
| 2014 | 8,636 | 392.00 |
| 2015 | 10,584 | 392.00 |
| 2016 | 10,584 | 392.00 |
| 2017 | 10,584 | 392.00 |
| 2018 | 10,584 | 392.00 |
| 2019 | 10,584 | 392.00 |
| 2020 | 15,981 | 392.00 |
| 2021 | 6,658.75[8] | 163.33[9] |
| **Total** | **223,106.75** | **13,314.60** |

48. Is-somma ta' €223,106.75 għandha l-ewwel tonqos bi 30% għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali, u għalhekk is-somma tinżel għal €156,174.73. Minn din is-somma jrid jonqos 20% peress li r-rikorrenti ma taw l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu kollu in eżami u għalhekk is-somma tinżel ulterjorment għal €124,939.78 li minnha finalment jrid jitnaqqas il-kera li attwalment ġiet imħallsa mill-intimati Pulis kif perċepit skont il-liġi għall-istess perijodu u ċioe €13,314.60.

49. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €111,625.18 li qed jiġu arrotondati għal mija u ħdax-il elf, sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€111,625) liema somma għandha tinqasam skont is-sehem li mess lil kull wieħed mir-rikorrenti.**

50. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali "il-jedd tal-awturi fit-titolu għall-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Dak

[8] €15,981 / 12 x 5 (Jannar sa Mejju).
[9] €392 /12 x 5.

hu personali għall-persuna li tkun batiet dik it-tbatija."[10] In vista li hemm diversi rikorrenti li wirtu fi żminijiet differenti, il-Qorti sejra tillikwida l-imsemmija danni morali fis-somma globali ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000).

**Spejjeż tal-kawża**

51. L-Avukat tal-Istat bħala r-rappreżentant responsabbli għall-miżura leġislattiva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ waslet għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

52. Dwar l-ispejjeż tal-intimati Pulis, jekk kien hemm, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Paul Farrugia vs. Avukat tal-Istat et** mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021, u għalhekk il-Qorti serja tordna li l-ispejjeż tal-intimati Pulis għandhom jitħallsu wkoll mill-Avukat tal-Istat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat konformament ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa' l-ewwel talba**, tiddikjara li bit-tħaddim fir-rigward tar-rikorrenti tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta), tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bl-Att X tal-2009 safejn taw jedd lill-intimati Pulis li jġeddu b'mod indefinit il-kirja tal-fond 38, Flat 5, Old Mint Street, Valletta b'kera li ma żammitx bilanċ bejn l-interess ġenerali u l-jedd tas-sidien, seħħ ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. **Tilqa' t-tieni talba,** tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jagħmel tajjeb għas-sejbien ta' leżjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti u għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji konsegwenzjali;

3. **Tilqa' t-tielet talba,** tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma globali ta' mija u ħdax-il elf, sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€111,625) u d-danni non-pekunjarji fis-somma globali ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000);

[10] **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022. Ara wkoll **Anthony Bezzina vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022.

4. **Tilqa' r-raba' talba,** tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u sitta u għoxrin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€126,625) rappreżentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż** a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
7 ta' Diċembru, 2023

**Deputat Reġistratur**